



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-6 ta' Mejju 2021

L-attivitajiet li l-awdituri tal-UE wettqu fl-2020: bidla fix-xogħol u fil-missjonijiet

L-2020 kienet sena li qatt ma kien hawn b'halha, u kienet ikkaratterizzata minn mumentu partikolarment diffiċli u xi drabi destabilizzanti. Iżda dawn il-mumentu spiċċaw kienu kompletament insuperabbli. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) laħqet tajjeb ħafna mal-isfidi kollha, kif jidher fir-rapport tal-attività tagħha li qed jiġi ppubblikat illum.

It-tifqigħa tal-kriżi tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020 ma waqqfix lill-QEA milli tawditja l-prestazzjoni u r-regolarità tal-azzjonijiet li ttieħdu mill-UE. Il-kontinwità tal-operat inżamm matul is-sena kollha. Il-QEA kompliet tipprovdi liċ-ċittadini tal-UE u lil dawki li jfasslu l-politika tagħha valutazzjonijiet indipendenti dwar kwistjonijiet ewlenin, filwaqt li enfasizzat dak li kien iffunzjona tajjeb u ġibdet l-attenzjoni għal dak li ma kienx iffunzjona kif suppost.

Fl-2020, l-awdituri tal-UE eżaminaw ħafna mill-isfidi li l-UE qed tiffaċċja fl-oqsma differenti ta' nfiġ tal-UE, inklużi l-ambjent (il-bijodiversità agrikola, il-pestiċidi, l-infiq fuq l-azzjoni klimatika, l-ambjent tal-baħar), il-mobbiltà (il-konġestjoni urbana, it-toroq u l-proġetti tat-trasport fl-Ewropa kollha), il-qasam soċjali (il-faqar fost it-tfal, investimenti kulturali) u l-ekonomija (il-politika tal-kompetizzjoni, l-unjoni tas-swieq kapitali, id-difiża tal-kummerċ), biex insemmu biss xi ftit minnhom.

Il-QEA wriet ukoll flessibbiltà fl-adattament tal-programm ta' ħidma tagħha għas-sitwazzjoni l-ġdida u għaċ-ċirkustanzi li qed jinbidlu, li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19. B' mod partikolari, tbiddel l-ambitu tal-kompiti li jinsabu għaddejjin u, fi ħdan skedi ta' żmien stretti ħafna, tnedew żewġ rapporti analitiċi ewlenin dwar ir-rispons li l-UE tat fil-livell ekonomiku u f' dak tas-saħħa pubblika għall-kriżi tal-COVID-19.

B' mod ġenerali, minkejja tnaqqis drastiku fil-kapaċità li jwettqu kontrolli fuq il-post, l-awdituri tal-UE rnexxielhom jipubblikaw ir-rapporti annwali kollha fi ħdan id-dati ta' skadenza uffiċjali u ħarġu 32 rapport, kemm rapporti speċjali kif ukoll rapporti analitiċi. Huma ħarġu wkoll 11-il Opinjoni, li prinċipalment jittrattaw il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u l-inizjattiva "Next Generation EU".

Ir-rapport annwali tal-attività s'ħa huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

“Għalina wkoll bħala awdituri tal-UE, hemm żmien “qabel” u żmien “wara” l-kriżi tal-COVID-19. L-2020 biddlet il-mod kif naħdmu. L-2020 kienet ukoll punt ta’ żvolta f’dak li jirrigwarda l-finanzi tal-UE: matul is-seba’ snin li ġejjin, l-UE se tkun tista’ tonfoq EUR 1.8 triljun, li minnhom EUR 750 biljun se jintefqu b’rispons dirett għall-kriżi tal-COVID-19. Aħna qed niġu fdati b’responsabbiltajiet kbar ġodda”, qal Klaus-Heiner Lehne, il-President tal-QEA. “Nassigurawkom li se nagħmlu dak kollu li nistgħu biex inkomplu nweqq r-rwol tagħna bħala l-awditur indipendenti estern tal-UE sabiex niproteġu l-interessi tal-kontribwenti Ewropej.”

Fl-2020, l-awdituri tal-UE kienu qed iħarsu ’l quddiem ħafna, filwaqt li kienu qed iħejju għall-futur. Huma stabbilew strateġija ġdida għall-perjodu 2021-2025 li se tiggwida l-isforzi tagħhom fil-ħames snin li ġejjin. Il-programm ta’ ħidma tal-QEA għall-2021 u lil hinn jenfasizza l-prijoritajiet tal-awditjar u jippreżenta fid-dettall it-73 rapport, kemm rapporti speċjali kif ukoll dawk analitiċi, li għandhom jiġu ppubblikati fl-2021 u fl-2022. Wieħed minn kull erba’ kompiti tal-awditjar li għandhom jinbdeu din is-sena se jkun relatat mar-rispons li l-UE tat għall-pandemija tal-COVID-19 u mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva “Next Generation EU” (NGEU).

Informazzjoni ġenerali

Il-QEA hija l-awditur indipendenti estern tal-UE u l-istituzzjoni hija bbażata fil-Lussemburgu; ilha topera mill-1977. Hija timpjega madwar 900 persuna. Żewġ terzi tal-forza tax-xogħol tagħha huma awdituri min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE, u madwar nofs il-membri tal-persunal huma nisa. Il-baġit tal-QEA għall-2020 kien ta’ madwar EUR 152 miljun, li huwa inqas minn 0.1 % tal-infiq totali tal-UE u madwar 1.5 % tal-infiq amministrattiv tagħha.

Ir-rapporti tal-awditjar, ir-rapporti analitiċi u l-opinjoni tagħha huma element essenzjali tal-katina ta’ obbligu ta’ rendikont tal-UE. Huma jgħinu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jimmonitorjaw u jiskrutinizzaw l-ilħuq tal-oġġettivi ta’ politika tal-UE, u biex jitolbu li jingħata rendikont minn dawk responsabbli għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE – b’mod partikolari fil-kuntest tal-proċedura annwali ta’ kwittanza.

Ir-Rapport tal-Attività 2020 tal-QEA huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Ir-rapport tal-attività jagħti rendikont sħiħ tal-awdituri u l-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-QEA, tal-kontrolli li din wettqet fl-Istati Membri u f’pajjiżi terzi, kif ukoll tal-involviment li kellha mal-partijiet ikkonċernati prinċipali tagħha fl-2020. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni ewlenija dwar il-persunal, il-governanza u l-finanzi tagħna.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju stampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547